# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA DIĊEMBRU
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI 1959


# IL-FESTI ĊENTINARJI PAWLINI

*GHELUQ id-Dsatax-il Mitt Sena minn mindu l-Appostlu San Pawl b'amar mis-Sema l-mewġa tal-baħar xeħtitu fuq l-art tal-Gżejjer tagħna, Malta sejra ifakkar bl-aktar xhieda ta' qima l-imħabba u d-devozzjoni tagħha lejn dak il-Missier mibgħut minn Alla biex jifdiha mid-dlamijiet tal-paganeżimu.*

*Kull Malti u kull xirka f'dawn il-gżejjer, sew soċjali, kemm reliġjuża, sejrin jieħdu sehem f'dawn il-wirjiet ta' Fidi Nisranija u mħabba lejn l-Appostlu Missierna — imħabba li mill-bidu tal-Kristjaneżmu f'din il-Gżira baqgħet dejjem tħeġġeġ fi qlub il-Maltin.* ... ... ...... .....

*Mindu bis-saħħa tal-miġja ta' San Pawl tnisslet f'Malta l-Fidi Nisranija, l-għeruq tagħha baqgħu dejjem sħaħ u ebda riefnu ta' idejiet foloz kontra tagħha ma kellu l-ħila jqaċċathom minn din l-art li fiha sabu tisqija u kultivazzjoni tajba; ebda tilqima ta' idealoġija materjalista ma ħassret id-demm tas-sigra, li tħawet minn idejn l-Appostlu Missierna f'dina l-art għażiża, bil-filosofija, xjenza, letteratura jew tagħlim ieħor tagħha, bħalma ħassret id-demm ta' dik li tħawlet f'artijiet oħra.*

*Aħna, fiċ-ċokon tagħna, bħal Xirka letterarja li nibtet taħt is-saqaf ta' Għaqda Kattolika taħt il-ħarsien ta' l-ixjeħ Qaddis Protettur tal-Ħaddiem Malti messna f'din l-okkażjoni hekk għażiża x-xorti li nieħdu wkoll sehem sabiħ bix-xogħol tagħna bħala Kittieba tal-Malti. F'Laqgħa tal-Kunsill, fuq suġġeriment tal-Prof. Mons. E. Coleiro, Segretarju tal-Festi Ċentenarji Pawlini, ittieħdet deċiżjoni biex il-Membri tal-Għaqda jikkontribwixxu b'xi versi kommemorativi taċ-Ċentenarji Pawlini.*

*Għandna l-pjaċir, għalhekk, ngħarrfu li, wara sejħa magħmula minn tnejn mill-Membri tal-Għaqda maħturin mill-Kunsill biex jieħdu ħsieb tal-ġabra, għażla u stampa ta' dawn il-versi sejrin ngħaqqdu f'daqsxejn ta' ktieb bukkett sabiħ ta' fjuri poetiċi mill-Musa tal-Kittieba tagħna, li bi ħsiebna noffru biex dawn iżidu u jżejnu ma' dawk l-offerti sbieħ li bihom il-Festi Ċentenarji Pawlini fil-Gżejjer ta' Malta jfakkru bl-akbar u l-egħżeż xhieda ta' qalb il-Maltin dik il-ġrajja kbira li ħarġithom mid-dlamijiet għad-Dawl tas-Sema li baqa' jiddi sabiħ fuqhom fil-paġni ta' l-istorja tagħna.*